MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Numru. 839/2006

Il-Pulizija
(Spettur Silvio Valletta)
(Spettur Anthony Cassar)
vs

Chris Gatt
Clint Callus Haidon
Ian Zammit

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Chris Gatt ta’ 21 sena, iben Saviour u Maria Fortunata xebba Vanheir mwieled Pieta’ nhar 22 ta’ Novembru, 1986 u residenti “Santa Marija”, Triq Santa Marija, Zabbar detentur tal-karta ta’ l-identita’ 537086M, Clint Callus Haidon ta’ 19 –il sena, iben Roger u Louise

xebba Haidon, mwieled Pieta' nhar 1 ta' Lulju, 1988 u residenti Block B, Flat 5, Qasam tal-Bujjar, Wied il-Ghajn, detentur tal-karta ta' l-identita' 301788M u ta' Ian Zammit ta' 18-il sena iben Christopher u Jeanette nee Giordimaina mwieled Pieta' nhar 23 ta' April, 1989 u residenti Scicluna Flats, Flat 4, Triq is-Siberja, M'Scala, detentur tal-karta' ta' l-identita' 227489M gew imressqa quddiemha akkuzati :

(a) talli nhar it-12 ta' Mejju, 2005 f'xi hin filghodu gewwa Wied il-Ghajn ikkomettew serq ta' flus minn *kiddy ride machine,* liema serq hu kwalifikat bil-mezz, u li sar ghad-detriment ta' sid il-fond Brighton Bar;

L-imputati Clint Callus Haidon u Ian Zammit wahedhom gew akkuzati talli :

(b) fix-xhur ta' qabel Mejju, 2006, b'diversi atti maghmulin ukoll fi zmienijiet differenti jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, wara nzul ix-xemx gewwa Wied il-Ghajn, ikkomettew serq ta' flus minn *kiddy ride machines*, liema serq hu kwalfikat bil-mezz, u valur li jaccedi mitt lira Maltin (LM100) izda inqas minn elf lira Maltin (LM1,000) u li sar ghad-detrimenti ta' l-istabiliment Country Style

(c) u talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament, hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara taccedi LM50 (hamsin lira Maltin) u li saret ghad-detriment tad-dirigenti ta' l-istabbiliment Country Style.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 26 ta' Jannar, 2007 sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti ta' l-imputati din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lit-tlett imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq referuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-14 ta' Frar, 2007 *ai termini* ta' l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat Chris Gatt ghall-akkuza migjuba kontra tieghu u l-ammissjoni ta’ l-imputati Clint Callus Haidon u Ian Zammit ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kapitlu 9 u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li l-Qorti staqsiethom it-tieni darba li hija ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputati, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssibhom it-tlieta hatja ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. Il-fatt li l-imputati kkoperaw bis-shih mal-Prosekuzzjoni fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet.

2. L-ammissjoni bikrija ta’ l-imputati sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri.

3. Il-fedina penali netta ta’ l-imputati minn fejn jirrizulta li huma m’ghandhom ebda tebgha ta’ reat jew kontravenzjoni registrata fuqha u ghaldaqstant ghandhom jigu trattati bhala *first time offenders*.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261 u 263 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 22 (1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat Chris Gatt hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ sena millum.

Wara li rat l-Artikoli 325, 261, 263, 18, 267 u 270 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ssib lill-imputati Chris Callus Haidon u Ian Zammit, hatja ta’ l-akkuzi migjuba kontra taghhom kif minnhom ammessi u bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 (1) tal-Kap. 446 tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghal perjodu ta’ tlett snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------